MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 267/2013

Ballut Blocks Services Ltd (C8360)
vs
Victor Abela u Miriam Abela

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta' seba' u tmenin elf seba' mija u tletin euro u tnejn u tmenin centezmu (€87,737.82) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' bini mibjugh u konsenjat lill-konvenuti mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-istess konvenuti u dana kif jirrizulta mill-i*statement* anness mar-rikors (Dok "BBS 1" sa Dok "BBS 10") u serje ta' *delivery notes* (Dok "BBS 11).

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-

elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont huma baqghu inadempjenti u ma hallsux.

4. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponent personalment.

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' sebgha u tmenin elf seba' mija sebgha u tletin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€87,737,82) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' bini mibjugh u konsenjat lill-konvenuti mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-istess konvenuti u dana kif jirrizulta mill-i*statement* anness (Dok "BBS 1" sa "Dok "BBS 10) u serje ta' *delivery notes* (Dok "BBS 11").

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi fis-seduta tal-lum deher l-intimat u ammetta t-talba f'ismu u f'isem Miriam Abela.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni, il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-intimati li jhallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' €87,737,82 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' bini mibjugh u konsenjat lill-intimati mis-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu ta' l-istess intimati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------